Minuti tal-Laqgħa Nru48 (Sebgħa u Erbgħin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali  nhar it-Tnejn, 18 ta' April, 2017, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| L-Uffiċjal | Ranier Busuttil |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   1.1 Kulħadd preżenti u l-Laqgħa bdiet fis-5.40pm

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati unanimament

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku

   3.1 SSTP - Is-Sur Valvo qal li qiegħed jitolbu program biex naraw fhiex waslu bix-xogħol tal-*landscaping* u jekk hux ser ilaħħqu sal-aħħar ta' Ġunju. Għandna ħafna tgergir minn nies fuq it-trakkijiet li qed jgħaddu bit-terrapin. Il bierah Ttansport Malta u l-Planning Authority tkellmu u fthemu minajr ma kkonsultaw mal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra biex it-trakkijiet jibdew jgħaddu bil-lejl u jinżlu mix-xgħajra minn Triq Dwardu Ellul u jitilgħu minn Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt. Is-Sindku ipprotesta għaliex ma ġejniex ikkonsultati bħala Kunsill u apparti

hekk lest li f'ismu jagħmel diżobbidjenza ċivili. Dan kollu sar biex ma jgħaddux minn quddiem 4 djar. Hu kompla u qal li Triq San Leonardu hija Ħaż Żabbar u hemm bħala residenzi hemm 2 irreġistrati fuq Ħaż Żabbar u 2 fuq ix-Xgħajra. Fl-istess ħin xorta għandu jkun hemm metodu aċċettabli sabiex dawk in-nies afettwati dirett bħal ta' Triq San Leonardu, jsir xi arrangament biex titnaqqas l-inkovenjenza li qiegħdin jesperjenzaw.

L-awtoritajiet ma jistgħux jgħidu li ma t-traffiku ma jistax jgħaddi minhemm għaliex meta inbena l-impjant kollha minhemm għaddew. Li x-xogħol isir bil-lejl ir-riperkussjonijiet jistgħu ikun anke fuq toroq oħra mhux minn fejn ser jgħaddu biss minħabba l-istorbju li jagħmlu.

Għalhekk is-Sindku ippropona li jerġa jsir kuntatt mal-awtoritajiet u jikkonsultaw magħna għaliex hemm ukoll periklu għat-tfal minħabba li f'din l-area hemm l-iskola viċin.

3.2 Progett nursery – Is-Sindku qal li l-ftehim mal-Ministeru tal-Infrastruttura hu li n- nursery taqa u tinbena b' 2 sulari. Il-problem li kien ser ikun hemm kienet l-aċċess għal fuq għaliex minajr rampa ma setax jiġi approvat il-permess. Ġabu permess għal alternattiva u ssir ir-rampa. U b'hekk ser tittieħed biċċa mil-ġenb. Meta bdew jitkelmu l-periti kien hemm il-kwestjoni li ħasra li ma nagħmlux bir li jservi għan nursery u l-kbar pero kien ser jiġi jiswa ħafna iktar. B'hekk daħlu l-WSC ukoll biex jgħinu f'dan il-proġett. L-WSC lesti li joffru €100,000 pero l-ispiża totali hija ta' €600,000 li fil-fhema tagħna hija eżaġerata ħafna.

Il-pass li jmiss huwa li ssir laqgħa bejn il-club tal-football u l-Ministeru.

3.3 Recreational centre u rampa – Il-progress li sar li ghadna nistennew biex ikollna kemm ser jigu jiswew l-affarijiet biex jinbeda l-proċess tat-tenders

Ir-rampa kif diġa tkellimna f'laqgħat preċedenti hija approvata pero għad irridu naraw min ser jagħmilha. Biex jitwitta l-materjal li hemm diġa għandna ftehim mal-Public Works.

3.4 Is-Sur Valvo qal li rigward ir- *road humps* ta' Triq l-Ispnott, li għandna talba biex din tiċċaqlaq, għadna ma ltqajniex mal-uffiċjali ta' Transport Malta u dan hu maħsub li jsir fil-ġimgħa li ġejja.

Is-Sindku qal li għandna talbiet għal *road humps* f' postijiet oħra bħal Trejqet ix-Xilep u Dawret ix-Xatt il-parti tad-daħla għal Smart City. Kulħadd qabel li meta nitkellmu ma' Transport Malta niddiskudu dawn ukoll.

4. Item Nru. 4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.1 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet meta hi l-laqgħa li jmiss tal-Monitoring Committee għaliex issa ilha ma ssir waħda. Għal din il-laqgħa nixtiequ niltaqgħu mas-CEO il-ġdid minħabba li għandna qatt ma ltqajna miegħu.

4.2 Is-Sinjura Buttigieg staqsiet kif ser nibqgħu fuq dak il-plot ta' Triq Karmelo Ritchie li reġa intela' kollu ħaxix ħażin u jekk hux possibbli li jsirlu ħajt. Is-Sindku qal li dik il-plot hija tal-Gvern u hemm l-indikazzjoni li ser jinħareġ bit-tender biex jinbiegħ. Għalissa nistgħu innaddfu l-ħaxix li jaqbeż għal bankina u naraw ikunx hemm xi żvilupp dwaru.

4.3 Is-Sa. Buttigieg staqsiet jekk gibniex l-informazzjoni ta' min huma dawk il-plots ta' Triq Wied Glavan minħabba li saru post fejn jitfgħu l-iskart. Is-Sindku qal li din l-informazzjoni għadna ma ksibnijiex u għalissa nistgħu nagħmlu stickers biex ma jarmux żibel.

4.4 Is-Sa. Buttigieg staqsiet ukoll dwar id-dawl tal-Bandli l-ġdid għaliex qed ikun hemm ħafna tgergir. Is-Sindku qal li ser napplikaw mal-Enemalta dwaru u ikollna aktar informazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

4.5 Is-Sa. Borg staqsiet meta ser toħroġ il-ħarġa li jmiss tan-newsletter. Is-Segretarju qal li din tista tinħareġ qabel is-Sajf għalhekk hu talab biex kull Kunsillier jipprepara l-artiklu tiegħu.

5. Item Nru 4 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti b'numru 60 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Is-Sa. Buttigieg ipproponiet li ir-railing tax-Xatt ta' quddiem il-homer jinbidel minħabba li huwa imsaddad kollu. Sar qbil unanimu li inkellmu lil tal-Public Works biex meta jiġu jagħmlu s-slielen jibdlu dan ir-railing ukoll.

6.2 Is-Sa. Buttigieg issuġġeriet biex fil-Belveder isir taħwil ta' fjuri biex jidher isbaħ. Kulhadd qabel biex inkellmu li ELC biex iġibulna il-fjuri bħal ma jsir kull sena.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6.3 Is-Sindku qal li bdew klassijiet tal-Keep Fit organizzati mil-Kunsill gewwa l-iskola u dawn qed isiru kull nhar ta' Erbgħa fis-6.30pm.

6.4 Is-Sa. Borg issuggeriet li nkellmu lil tal-ELC sabiex jieħdu ħsieb jagħmlu ż-żabra fi Triq l-Iskola.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Attivita Kulturali – Is-Sinjura Buttiġieġ infurmat lill-Kunsill li l-attivita li għaddiet kienet fis-26 ta' Marzu u morna naraw is-safe ta' La Vallette u wara morna għal ikel il-Waterfront.

7.2 Lapsi fix-Xgħajra – Is-Sur Neil Attard qal li għall-attivita ta' Lapsi għandna kollox preparat għas-27 ta' Mejju. Għal dak in-nhar ser ikollna bżonn li tingħalaq Triq San Ġakbu. Bħala spiża ser tiswa madwar €1,400. Il-Ħadd 28 ta' Mejju imbgħad ikollna il-Ġostra fejn il-Milord wara li s-sena l-oħra kienet suċċess u attendew ħafna nies u filgħaxija ikollna il-quddies ta' Xgħajra Day kif ukoll ir-riċeviment.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm

Aġġornament għal-Ħamis 27 t' April, 2017 fid-9am

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt